MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Numru. 1130/2012

Il-Pulizija
(Sp Jessica Grima)
vs
Jacklene Agius, bint Joseph Camilleri, imwielda l-Kanada fl-1 ta' Mejju, 1971, karta ta' l-identita' numru 512988(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, ġewwa l-Mosta, fl-10 ta' Ottubru, 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jkunu kissru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkomettiet serq ta' flus u oġġetti oħra għal ammont komplessiv li jeċċedi l-€2,333 għad-dannu ta' Joseph Vella, Gianluca Vella, Sandra Vella u persuni oħra liema serq hu kkwalifkat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Jannar, 2013 fej iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 18, 261(ċ)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(b) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 17, 18, 20 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2013 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April, 2013 fejn l-imputata ħallset is-somma ta' €5,600 għas-saldu tal-flus li ħadet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April, 2013 fejn il-parte ċivile iddikjarat li ma għandhiex aktar interess f'din il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April, 2013 fejn l-imputata reġa kkonfermat l-ammissjoni tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(b) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u li l-imputata raddet lura l-flus misruqa. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitiolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------